

Brussell, 16 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14260/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0379(NLE)

ENV 758

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tmienja u tletin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali fir-rigward ta' emendi għall-Appendiċi II u III - Adozzjoni

1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna) għandha l-għan li tikkonserva speċijiet ta' flora u fauna selvaġġi Ewropej u l-abitati naturali tagħhom. L-UE ilha Parti għall-Konvenzjoni mill-1 ta' Settembru 1982. It-28 Stat Membru huma wkoll Partijiet.
2. Il-Kumitat Permanenti huwa l-korp ta' tmexxija tal-Konvenzjoni ta' Berna u, skont l-Artikolu 17, jista' jadotta emendi għall-appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

3. Bil-ħsieb tat-38 laqgħa tal-Kumitat Permanenti, li ser issir fi Strasburgu fis-27-30 ta' Novembru 2018, Partijiet terzi għall-Konvenzjoni ppreżentaw proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, l-Iżvizzera tipproponi li l-Lupu (*Canis lupus*) jitmexxa mill-Appendiċi II (speċijiet tal-fawna strettament protetti) għall-Appendiċi III (speċijiet tal-fawna protetti - ir-regolamentazzjoni hija possibbli) u n-Norveġja ppreżentat proposta biex il-Wiżża Artika (*Branta leucopsis*) titmexxa mill-Appendiċi II (speċijiet tal-fawna strettament protetti) għall-Appendiċi III (speċijiet tal-fawna protetti - ir-regolamentazzjoni hija possibbli).
4. Fil-31 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill irċieva l-proposta¹ tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fit-38 laqgħa tal-Kumitat Permanenti fir-rigward ta' dawn l-emendi proposti.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) ikkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Novembru. Id-diskussjonijiet li saru f'din il-laqgħa wrew li kien hemm maġġoranza kwalifikata favur il-proposta tal-Kummissjoni.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa, għalhekk, mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - a) jadotta, b'maġġoranza kwalifikata, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jinsab fid-dokument 14170/18 (test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss;
 - b) jiddeċiedi li ma jipublikax id-Deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali; u
 - c) jiddeċiedi li jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni.

¹ Dok. 13800/18 - COM(2018) 731 final.